MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2010

Numru 38/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Vella**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Vella (bin Emanuel u Dolores nee` Portelli, imwieled r-Rabat, Ghawdex, nhar l-20 ta' Frar 1965, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 9165G) fejn gie akkuzat (**1**) f'isem il-Kontrollur tad-Dwana talli f'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Settembru 2003, wara ntervent u tfittxija li saret mill-ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija, fil-hanut tieghu li jgib l-isem 'Sunshine Bar', sitwat fix-Xlendi, Ghawdex, nstab li dakinhar u fix-xhur ta' qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew espona ghall-bejgh xorb alkoholiku ta'

diversi kwalita` u marka, kif deskritt fin-Nota ta' Qbid numru 2/2004[1] li fuqhom d-dazju ma kienx gie mhallas, kif ukoll fl-istess perjodu ta' zmien, post u cirkostanzi, xjentement kellu x'jaqsam billi b'xi mod iddispona kontra l-ligi minn fliexken ta' din ix-xorta fi kwantita` kif jidher hawn taht, u dan bil-hsieb li bil-qerq setgha jahrab milli jhallas d-dazju dovut fuq dawn il-fliexken ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u cioe` sitt ifliexken *Smirnoff Vodka (Red)* ta' 100cl kull flixkun – Valur Lm8.22 – Dazju tas-Sisa Lm24.00, tlett fliexken *Smirnoff Vodka (Blue)* ta' 100cl kull flixkun – Valur Lm4.17 – Dazju tas-Sisa Lm15.00 = Valur totali ta' Lm12.39 u Dazju tas-Sisa = Lm39.00; il-fliexken tax-xorb kollu in kwistjoni, li l-importazzjoni u l-pussess tieghu hija projbita u/jew ristretta, u/jew limitat, ghandu valur globali ta' tlett mija tmienja u disghin (398) lira Maltin u tnejn u sebghin (72) centezmu (Lm398.72,0), Dazju tas-Sisa dovut li jammonta ghal sitt mija sebgha u hamsin (657) lira Malti u tmintax (18)-il centezmu (Lm657.18,0), liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur tal-artikolu 60(a)(b)(c)(k); l-artikolu 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, u l-artikolu 16(1)(j) u 17(a) tal-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta (illum Kap. 382); kien akkuzat ukoll (**2**) f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli fis-26 ta' Settembru 2003, wara ntervent u tfittxija li saret mill-ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija, fil-hanut tieghu li jgib l-isem 'Sunshine Bar', sitwat fix-Xlendi, Ghawdex, nstab li dakinhar u fix-xhur ta' qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu u/jew espona ghall-bejgh xorb alkoholiku ta' diversi kwalita` u marka, kif deskritt fin-Nota ta' Qbid numru 2/2004, kif ukoll fl-istess perjodu ta' zmien, post u cirkostanzi, xjentement kellu x'jaqsam billi b'xi mod iddispona kontra l-ligi minn fliexken ta' din ix-xorta fi kwantita` kif jidher hawn taht u dan bil-hsieb li bil-qerq setgha jahrab milli jhallas d-dazju dovut fuq dawn il-fliexken ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u cioe` sitt

[1] Din in-Nota ta' Qbid, li tinsab ezibita a fol. 12 tal-atti, hija evidentement parti integrali mill-akkuza – ara fol. 166 u 175 tal-atti. Fiha hemm indikati numru ta' fliexken tal-*J&B Whisky, Johnny Walker Whisky, Smirnoff Vodka (Red), Absolute Vodka, Bacardi Rum, Campari* – b'kollox mitejn u sbatax-il flixkun (217), ghall-valur ta' Lm386.33,0 u dazju Lm618.18,0.

ifliexken *Smirnoff Vodka (Red)* ta’ 100cl kull flikxun u tlett fliexken *Smirnoff Vodka (Blue)*ta’ 100cl kull flixkun; dawn il-fliexken li l-importazzjoni u l-pussess taghhom hija projbita u/jew ristretta, u/jew limitata, ghandhom valur totali ta’ Lm398.72,0, Dazju tas-Sisa dovut Lm657.18,0, kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud li tammonta ghal Lm158.38,5 u dan bi ksur tal-artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1998, illum Kap. 406); huwa kien akkuzat ukoll (**3**) talli fis-26 ta’ Settembru 2003, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm fl-i*studio flat* formanti parti u accessibli mill-fond ‘Sunshine Bar’, sitwat fi Triq r-Rabat, Xlendi, arma tan-nar u munizzjon u cioe` *air gun* tal-ghamla BSA bin-numru seriali ZRA2451, liema arma tan-nar irrizulta li hija licenzjata fuq Nazzareno Mercieca, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 34155G u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-21 ta’ Jannar, 2009 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Anthony Vella hati skond it-tielet imputazzjoni (cioe` dwar il-pussess tal-*air gun*) u kkundannatu multa ta’ mitt euro (€100), izda lliberatu mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-16 ta’ Frar 2009, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ din is-sentenza, fis-sens li l-appellat Vella jinstab hati wkoll skond l-ewwel u skond it-tieni imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel qorti lliberat lill-appellat, allura imputat, Vella mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni ghax bazikament irriteniet li l-prosekuzzjoni ma kienitx ippruvat sodisfacentement li huwa kellu x-“xjenza” mehtiega ghall-finijiet tal-ligi tad-dwana u senjatament ghall-finijiet tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37. L-Avukat Generali, permezz ta’ rikors dettaljat u studjat hafna, u b’referenza ghal diversi sentenzi ta’ din il-Qorti li jaghmlu referenza ghall-element formali fejn si

tratta l-Artikolu 62 imsemmi, jargumenta li l-ewwel qorti kienet zbaljata fil-konkluzzjoni taghha.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha u hi tal-fehma li l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita li jigi akkolt. Mill-provi jirrizulta li fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni, ufficjali tal-Pulizija u tad-Dwana sabu ghand l-appellat Vella kwantita` ta’ xorb (kif ukoll xi fliexken li xi darba kienu bix-xorb izda li kien evidentement inxtorob u allura issa kienu vojta) li fuqu ma kienx thallas dazju. Li tali dazju ma kienx thallas jirrizulta manifest mid-deposizzjoni tal-Ispettur tad-Dwana Joseph Brincat (fol. 180 *et seq.*). Hekk, per ezempju, xi whud mill-fliexken ma kellhomx it-tikketta li tindika li kienu gew impurtati minn min kellu *sole agency* ta’ dak it-tip ta’ xorb hawn Malta; ohrajn kienu jingabu biss f’kaxxi ta’ certu daqs, mentri dawk misjuba ghand l-appellat kienu f’kaxxi ta’ tip differenti; ohrajn kellhom fuqhom tikketta li kienet tghid *duty free sales only*; filwaqt li ohrajn kienu fi fliexken tal-litru li kien risaput li dak iz-zmien ma kienux jithallew jidhlu Malta mid-Dwana. L-appellat dejjem sostna li l-parti l-kbira ta’ dawn l-ispirti kien xtrahom minghand persuna li darba minnhom tfaccat filghaxija l-hanut tieghu, qaltlu li kellha hanut li kienet ser taghlqu, u offriethomlu bi prezz li permezz tieghu l-imsemmi Vella kien ser “jifranka lira”. Hu ma jafx min kienet din il-persuna jew fejn kien il-hanut taghha, u hallas bla ma talab ircevuta. Xi whud mill-fliexken jghid li xtrahom minghand persuni li semma b’isimhom jew bil-laqam, u ghalkemm qal li kellu ricevuta taghhom, din qatt ma giet prodotta. L-appellat ilu snin twal fil-mestier li jiggestixxi hanut tax-xorb – hu jghid (fl-istqarrija li huwa ghamel fl-2003 u li kkonferma fl-1 ta’ Novembru 2007 quddiem il-Qorti Inferjuri) li kien ilu ghoxrin sena f’dan ix-xoghol.

Issa, ghall-finijiet tal-ewwel imputazzjoni, il-prosekuzzjoni (fuq senjalazzjoni tal-Kontrollura tad-Dwana) qed tindika, fost ohrajn, il-paragrafi (f) u (g) tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta’ Awissu 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Axiaq** (kawza li kienet dwar sigaretti li fuqhom ma kienx thallas dazju):

**“L-appellat certament laqa’ ghandu, gie fil-pussess ta’, u zamm oggetti li ma kienux hallsu dazju u ghalhekk certament jirrikorri l-element materjali tar-reat kontemplat fil-paragrafi (f) u (g) tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37. Kwantu ghall-element morali, din il-Qorti kellha diga` l-okkazjoni li tfisser li fir-rigward tal-imsemmija paragrafi (f) u (g) il-kelma ‘xjentement’ ma tfissirx semplicement li l-agent ikun konxju li qed jilqa’ ghandu, izomm jew jigi fil-pussess ta’ oggetti partikolari, izda tfisser li hu jkun jaf, jew messu ragjonevolment fic-cirkostanzi kien jaf, li d-dazju fuq dak l-oggett ma kienx gie mhallas – ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Raymond Buhagiar* App. Krim. 12/9/1996; *Il-Pulizija v. Anthony Gatt u Michael Azzopardi* App. Krim. 5/3/1997. Fil-kaz in dizamina l-appellat, bhala bniedem fin-negozju, ma setax ma jkunx jaf li dawk is-sigaretti kienu oggetti li fuqhom id-dazju kien gie evaz.”**

F’dan il-kaz din il-Qorti m’ghandhiex l-icken dubbju li l-appellat kien jaf li dawk il-fliexken kienu “mbghabsa” – anke jekk ma kellux quddiemu prova cara li d-dazju ma kienx thallas, kollox kien jindikalu li kien hekk. Jekk l-appellat ma gharafx jara u jifhem l-ovvju, allura anqas ghandu l-kapacita` mentali mehtiega biex jigi afdat bl-licenzja ta’ *substitute* f’hanut tax-xorb!

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni – in kwantu tirrigwarda r-reat kontemplat taht il-Kap. 37 – tirrizulta abbundantement pruvata. Fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel imputazzjoni, pero`, u cioe` fejn hemm referenza ghall-Artikoli 16 u 17(a) [recte: 17(1)(a)] tal-Kap. 382, din il-Qorti ma tarax li dawn japplikaw ghall-kaz odjern. Mis-sejbien ta’ htija fuq l-ewwel imputazzjoni in kwantu tikkoncerna l-Ordinanza tad-Dwana u b’mod partikolari l-Artikolu 62 ta’ dik l-Ordinanza, isegwi li anke t-tieni imputazzjoni, bbazata fuq l-Artikolu 80 tal-Kap. 406, tirrizulta pruvata, u dan kuntrarajament ukoll ghal dak ritenut mill-ewwel qorti.

Kwantu ghall-piena, l-Artikolu 62 msemmi gie emendat fl-2005; ghall-fini tal-komputazzjoni tal-multa, ser tigi

applikata l-ligi kif kienet qabel l-2005, peress li din hija aktar favorevoli ghall-hati, u dan in omagg ghall-principju stabbilit fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk: 389.72 x 2 = 797.44 + 675.18 = **Lm1472.62**. Hemm ukoll il-multa ghall-fini tat-tieni imputazzjoni (l-Artikolu 80 tal-Kap. 406); din pero` tigi ridotta bin-nofs in vista ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, u trid tinhadem ukoll bil-mod l-aktar favorevoli ghall-hati skond l-imsemmi Artikolu 27. Ghalhekk il-multa applikabbli ghat-tieni imputazzjoni hi ta’ 158.38 x 3 = 475.14 / 2 = **Lm237.57**.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lil Anthony Vella hati skond it-tielet imputazzjoni u fejn ikkundannatu multa ta’ €100 ghal dik l-imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha fil-bqija (u cioe` fejn illiberatu mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni) u minflok **issibu hati skond dawn iz-zewg imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta’ tliet elef erba’ mija u tletin euro u tmienja w ghoxrin centezmu (€3,430.28)**, b’dan li terz minn dan l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana (u z-zewg terzi l-ohra, jekk ma jithallsux fiz-zmien stabbilit mill-ligi jigu konvertiti fi prigunerija skond il-ligi) **kif ukoll multa ohra ta’ hames mija tlieta w hamsin euro u disgha w tletin centezmu (€553.39)**, li terz minnu ghandu jitqies bhala dejn civili dovut lill-Kummissarju tal-VAT (u z-zewg terzi l-ohra, jekk ma jithallsux fiz-zmien stabbilit mill-ligi jigu konvertiti fi prigunerija skond il-ligi).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------